MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2004

Citazzjoni Numru. 1247/1999/1

**Registratur tal-Qrati Superjuri**
**vs**
**M of Time Limited u Sunshine Investments Limited**

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ppremetta u talab: peress li fis-6 ta' Awwissu 1998, fuq rikors ta' D. Burke company Limited, din il-Qorti ordnat il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni numru 2836/98 (Dok. X1) kontra il-konvenuti odjerni li bih l-istess konvenuti, allura intimati, gew inibiti milli jkomplu juzaw l-apparat ta' sound system ta' kapacita' qawwija aktar minn normal li jikkawza nkonvenjent konsistenti fi storbju, muzika f'volum gholi u vibrazzjonijiet tal-hitan u fl-istruttura kollha nkluz il-kontenut tal-lokal proprijeta tal-esponenti, a kawza ta' nuqqas ta' certi mizuri rikjesti mill-ligi nkluz sound absorbing material u sound proofing; peress li b'rikors ipprezentat fil-10 ta' Novembru 1998, l-imsemmija socjeta

D. Burke Company Limited talbet li din il-Qorti tordna li jinbdew contra l-konvenuti odjerni u okkorrendo ukoll fil-konfront tad-diretturi u azjonisti tal-istess socjetajiet, proceduri ghal disprezz tal-awtorita’ tal-Qorti peress li l-istess socjetajiet konvenuti baqghu ghaddejjin bl-attivita’ taghhom minkejja l-imsemmi mandat ta’ inibizzjoni; peress li din il-Qorti b’digriet tas-7 ta’ Dicembru 1998, ordnat lill-atturi odjern sabiex jibda l-procedimenti mehtiega kontra l-istess socjetajiet konvenuti ghad-disprezz lejn l-awtorita tal-Qorti u dana bl-urgenza (dokument X3); Ighidu l-konvenut ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:

1. issibhom hajta ta’ disprezz ghall-awtorita’ taghha fit-termini tat-Titolu XVII tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12); u
2. tikkundannahom ghall-pieni preskritti mill-ligi fl-istess Titolu XVII fuq imsemmi.

Bl-ispejjes kontra l-konvenuti li huma minn issa ngjunti ghas-subizzjoni, u bit-twissija li jekk ma jidhrux huma jistghu jigu mgieghla biex iwiegbu ghall-akkuza bil-mezz ta’ mandat ta’skorta jew ta’ arrest.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa: 1.Illi stante li hemm res judicata l-eccipjenti ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju; 2. Illi ebda wahda mis-socjetajiet konvenuti ma kissret xi ordni tal-Qorti u ghalhekk qatt ma kkommettew disprezz tal-ordni moghti mill-Onorabbli Qorti u kwindi t-talbiet ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur – salvi eccezzjonijiet ohra.
Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-lista tax-xhieda;

Rat l-atti kollha tal-kawza;
Rat l-original tal-mandat numru 2836/98;

Rat is-sentenza preliminari moghtija minn din il-Qorti fis-17 ta’ Frar 2000 fejn giet michuda l-ewwel eccezzjoni [Fol.34 et seq.]

Semghet il-provi bil-gurament u t-trattazzjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidrat:
Illi fis-6 ta’ Awissu 1998 fuq rikors tas-socjeta’ D.Burke Company Limited din il-Qorti ordnat il-hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni numru 3836/98 kontra l-konvenuti li permezz tieghu dawn gew inibiti milli jkomplu juzaw l-apparat ta’ sound system ta’ kapacita’ qawwija aktar minn normal li jikkawza nkonvenjent konsistenti fi storbju, muzika f’ volum gholi u vibrazzjonijiet tal-hitan u fl-istruttura kollha nkluz il-kontenut tal-lokal proprjeta’ ta’ D.Bruke Company Limited a kawza ta’ nuqqas ta’ certi mizuri rikjesti mill-ligi nkluz sound absorbing material u sound proofing.

Illi mill-provi rrizulta sodisfacentement li nonostante d-digriet provvisorju tal-31 ta’ Lulju 1998 u d-digriet finali tas-6 ta’ Awissu 98 li permezz taghhom din il-Qorti kienet laqghet it-talba ta’ D.Burke Company Limited, allura intimati, u tat-l-ordni kif fuq spjegat, il-konvenuti baqghu ghaddejjin bl-uzu tal-apparat fuq indikat u jdoqqu muzika b’ volum gholi u vibrazzjonijiet fil-proprjeta’ tal-imsemmija socjeta’ kif jirrizulta kemm mix-xhieda ta’ Frank Camilleri u tal-Inginier Carmelo Cuschieri u mid-diversi rapporti maghmula minnu fil-perijodu bejn l-14 ta’ Lulju 1998 sal-11 ta’ Frar 1999 [Fol.64 *et seq*.]

Illi l-kontestazzjoni principali tal-konvenuti f’ dawn il-proceduri hija li huma ma kienux gew notifikati bl-ordni tal-Qorti tas-6 ta’ Awissu 1998 u ghalhekk ma kienux jafu biha bir-rizultat li ma jisghux jinstabu hatja ta’ disprezz.

In propositu l-Qorti tirrileva li fil-kopja tal-mandat esebita u certifikata mir-Regi stratur bhala “vera kopja fotografika” jidher li thallew xi pagni barra, u precisament il-pagna numru 47 tal-atti tal-Mandat in disamina li, kif jirrizulta mill-orginal ta’ dawn l-atti, tikkontjeni fuq naha l-ordni tal-Qorti lill-Marixxal, u tergo tal-istess pagna, lista tar-riferti tal-marixxalli li jiccertifikaw li l-konvenuti kienu gew debitament notifikati kemm bl-ordni provvisorju fil-31 ta’ Lulju 1998, kif ukoll bl-ordni finali fis-7 u fit-8 ta’ Awissu 1998. Fl-ewwel kaz in-notifika saret lil Mark Grima u fit-

tieni kaz lil Simon Grima, dejjem ghan-nom tas-socjetajiet konvenuti. Ghalhekk mill-premess jidher car li l-eccezzjoni tal-konvenuti hija manifestament infondata, u t-talbiet attrici huma gustifikati

In tema legali jigi osservat li “Jiehtieg li kulhadd jifehem li biex **jinzamm il-bwon ordini fis-socjeta’** hadd ma jista’ jmur kontra l-ligi. Ordni tal-Qorti ghandu jkun obdut u se mai ghandu jkun kontestat fi proceduri ad hoc; izda certament tali ordni ma tistax tigi injorata.[1] *Multo magis* bhal fil-kaz prezenti meta l-ksur tal-ordni kienet kagun ta’ inkonvenjent kbir u forsi anke danni lir-rikorrent li fuq talba tieghu tkun harget l-ordni. In fine jigi osservat wkoll li l-Istitut tad-disprezz huwa “stabbilit mill-ligi, aktar milli bl-iskop li tigi kustodita d-dinjita’ tal-Qorti, biex tigi **tutelata l-amministrazzjoni tajba tal-gustizzja**”.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet attrici; u ssib lill-konvenuti M of Time Limited u Sunshine Investments Limited hatja ta’ disprezz lejn l-awtorita’ tal-Qorti meta injoraw u naqsu li jadempixxu mal-ordni tal-Qorti; u tikkundannaham flimkien ghall-hlas ta’ multa ta’ hames mitt lira maltin [Lm500] fir-Registru ta’ din il-Qorti fi zmien xaharejn millum.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[1] Vide - App. ***Concetta Dimech vs Joseph Bonnici*** – 9 Frar 200; PA ***Il-Qorti vs George Galea*** – 14 Marzu 1988 Vol.LXXXII.II.226.